## Ir-rabtiet tiegħi mal-MSSP

*Twelidt u trabbejt ir-Rabat, "fid-dell" tal-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl. Qabel il-Gwerra tal-1939-45, kont nattendi l-MUSEUM, fejn hija Dun Mikiel kien soċju qabel ma daħal is-Seminarju. Dak iż-żmien il-Qasam tal-MUSEUM kien f'Ħal Bajjada, qrib ħafna ta' Sant'Agata.*



*Paul Saliba*
*Ex Editur tal-Leħen is-Sewwa*

Matul il-Gwerra, bħala żagħżugħ, kont nisma' ħafna fuq is-Superjur tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl, Dun Mikiel Callus – saċerdot mudell u dedikat kollu kemm hu għall-qadi tal-missjoni tiegħu, saċerdot li kien jirradja l-qdusija: verament bniedem ta' Alla. Ħafna kienu jfittxuh għal direzzjoni spiritwali. U, permezz tas-Superjur Ġenerali Callus, sirt naf mill-qrib u nħobb is-Soċjetà tiegħu. Ħafna snin wara, Dr Herbert Ganado ġie li kien isemmili l-kwalitajiet sbieħ li bihom kien imżejjen Dun Mikiel Callus, partikularment fil-perijodu tal-Gwerra meta l-internati kienu miżmuma f'Sant'Agata.

### L-Azzjoni Kattolika u l-mssp

Għadda ż-żmien, u sibt ruħi fost id-diriġenti ċentrali tal-Azzjoni Kattolika Maltija, u, għal nofs is-snin ħamsin, kont ġejt nominat editur ta' *Il-Ħuġġieġa*, l-organu uffiċjali intern tal-Azzjoni Kattolika, u għamilt arranġament mal-MSSP biex nistampah kull xahar fl-istamperija tal-Istitut ta' San Ġużepp, f'Santa Venera. Kont kontinwament ġej u sejjer hemm, fejn tħabbibt mhux biss mal-impjegati tal-istamperija imma ma' diversi mis-saċerdoti li kienu jieħdu ħsieb il-post u t-tfal li kienu jgħixu fih.

Iż-żmien kompla jgerbeb u x-xorti riedet li, snin wara, bħala diriġent Ċentrali tal-Azzjoni Kattolika Maltija, sibt ruħi f'kuntatt kontinwu ma' saċerdot ieħor tal-MSSP --- Dun Wistin Azzopardi ---li kien ġie nominat mill-Arċisqof Gonzi bħala Assistent Ekkleżjastiku Ġenerali tal-Fergħa tan-Nisa tal-Azzjoni Kattolika. Kien huwa wkoll saċerdot mudell u mfittex ħafna għad-direzzjoni spiritwali li kien jagħti lil min jirrikorri għandu. Niftakar li dakinhar tal-funeral tiegħu rajt raġel matur, ex-penitent tiegħu, jibki bħal tarbija.

### Kollaborazzjoni mal-mssp

Matul iż-żmien li domt editur ta' *Leħen is-Sewwa* (1973-2004), kelli ħafna kuntatti oħra ma' diversi saċerdoti tal-MSSP li minnhom sibt kooperazzjoni tassew apprezzabbli: Fr Tony Sciberras, Fr Gerard Bonello, Fr James Bonello, Fr Stanley Tomlin, Fr Karm S. Borg, Fr Norbert Bonavia, u oħrajn. Nistqarr bl-akbar sinċerità li dejjem kelli, kif fil-fatt għad għandi, għożża kbira għall-ħidmiet tas-Soċjetà mwaqqfa mill-Qaddej ta' Alla Mons. Giuseppe De Piro, b'mod speċjali l-edukazzjoni nisranija li huma jagħtu lill-istudenti tal-Kulleġġ tagħhom, u l-ħidma missjunarja li jwettqu f'artijiet oħra.

Kieku kelli nibqa' nirrakkonta ma kont nispiċċa qatt. Iżda ma nistax ma nsemmix esperjenza intimament personali li kompliet rabtitni ma' din is-Soċjetà: il-fatt li ibni Rudolph, li l-Mulej għogbu jsejjaħlu għal għandu fl-età ta' 28 sena, kien midħla sew tad-*De Piro Youth Centre* u kien jilgħab mat-tim tal-futbol tal-post.



*Dun Mikiel Callus mssp*



*Dun Wistin Azzoppardi mssp*



## Jum il-Premjazzjoni



Ftit ta' żmien ilu l-Kulleġġ tagħna s-*St. Paul's Missionary College* li għandna fir-Rabat kellu Jum il-Premjazzjoni. Din hija okkażżjoni fejn mhux biss jitqassmu il-pemjijet li jkunu ħafna, imma wkoll, l-istudenti mgħejjunin mill-għalliema kull sena itellgħu operetta. Għal din is-sena intgħazlet l-operetta **Joseph and the technicolour dream coat.** Mużika ta' Andrew Lloyd Webber u lirika ta' Tim Rice. Fiha ħadu sehem il fuq minn 100 tifel. Il-kant kien kollu live, akkumpanjat mill-orkestra tal-Kulleġġ stess.

## Dramm fl-Oratorju San Domenico Savio

*Produzzjoni kienet f'idejn Charlie Scicluna u Ninu Borg*



Għall-okkażżjoni tal-mitt sena mit twaqqif tal-Oratorju tagħna f'Birkirkara, il-Kumpanija Teatrali, San Ġineżju, tal-istess Oratorju, tellgħet dramm ta' tliet atti, kapulavur ta' Fr. H. Born, **ID-DAĦKA LI MA INSTEMGĦETX IŻJED**

Għall din l-okkażżjoni d-direzzjoni tal-kumpanija San Ġineżju, ħasbet biex ikollha kast ta' atturi stabiliti u fdat id-direzzjoni f'idejn il-bravu attur u direttur is-Sur Anthony Ellul. Kull min kellu l-okkażżjoni jara waħda miż-żewġ rappreżentazzjonijiet seta' japprezza kemm hija mirquma u għaqlija l-pinna ta' Fr. Born. Għax fih joħorġu ċari ħafna l-valuri insara. Fl-istorja naraw minn xiex kellu jgħaddi raġel wara li tilef 'il martu u ħallietlu tifel marradi. Hija storja imqanqla b'ħafna intriċċi kif jaf jiktibhom Fr. Born.



## Is-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl

qed tingħata għal haddiehor. Int wkoll tista' jkollok sehem biex hi tkompli twettaq din il-missjoni tagħha. Tista' tagħmel dan billi tagħti d-donazzjoni tiegħek.

- Borża ta' Studju 583 Ewro
- Ġurnata Studenti 466Ewro
- Sostenitur AĦNA LIKOM 23 jew 117Ewro
- Fundazzjoni ta' quddies wara mewtek
- Ġurnata ma' Missjunarju 25Ewro
- Ġurnata Novizzi 466 Ewro
- Fundazzjoni librerija 117 Ewro




MSSP100

# Aħna lilkom

HOLQA BEJN IL-ĦBIEB

April 2010 / Għadd 447 | Editur: Fr Norbert Bonavia MSSP




## Konvenzjoni tal-Emigranti

*Fr. Norbert Bonavia mssp*

*Jgħidu li ma hawnx familja f'Malta u Għawdex li ma għandhomx lil xi ħadd li jiġi minnhom li emigra. Dan iġiegħel lil kulħadd jinteressa ruħu kull meta tinstema il-kelma emigranti.*

Anke is-Soċjetà tagħna tinteressa ruħa mill-emigranti. Dan għaliex il-Qaddej t'Alla Mons.G. De Piro bilkemm kien għadu beda is-Soċjetà, meta beda jirċievi ittri minn barra minn Malta biex jibgħat saċerdoti jieħdu ħsieb l-emigranti li jinsabu f'pajjiżi mbiegħda. Waħda minn dawn l-ittri kienet miktuba minn Fr. William Bonetti fl-1916, mill-Awstralija.

Fil-fatt din ix-xewqa saret realta f'1948 meta Dun Wistin Grech mssp mar l-Awstralja mal-emigranti Maltin. Warajh marru ħafna Fathers u Brothers oħra tas-Soċjetà matul dawn is-snin u għadna presenti sal-lum. Kemm fl-Awstralja kif ukoll fil-Kanada.

Għalhekk kien sew li l-membri tas-Soċjetà tagħna jkunu mistiedna biex jattendu għall-konvenzjoni tal-Maltin li jgħixu f'artijiet oħrajn, li saret f'Malta f'Marzu li għadda.

L-ewwel konvenzjoni li saret f'Malta kienet 1969. Din ġiet organizzata mill-Kummisjoni Emigranti li tat u għada tagħti servizz imprezzabli lill-emigranti u l-familji tagħhom. It-tieni Konvenzjoni saret fis-sena 2000 fuq inizjattiva tal-Gvern Malti u l-Kummisjjoni Emigranti. Għaliha s-Soċjetà tagħna kienet raprezentatata minn tliet membri. Fr.Tarcisio Micallef u Fr.Mario Micallef mill-Awstralja u Fr. Mark Demanuele mill-Kanada, fejn it-tlieta taw il-kontribut siewi tagħhom bil-messaġġi u proposti li għamlu. It-tielet Konvenzjoni li saret bejn 14 u 20 ta' Marzu li għadda. Din ġiet organizzata mill-Ministru tal-Affarijiet Barranin, u viċi Prim Ministru Dr.Tonio Borg, **bil għan li teżamina l-progress u l-iżvilupp li sar fl-aħħar għaxar snin dwar id-drittijiet u l-interessi tal-Maltin li jgħixu barra minn pajjiżhom.** Din id-darba s-Soċjetà tagħna wkoll kienet rappreżentata minn Fr. Denis Carabott li għandu ħafna esperjenza tal-emgranti fl-Awstralja għax ilu jaħdem f'din l-art għal bosta snin. Miegħu fost l-oħrajn ġew xi whud miċ-Ċentru Malti ta' Melbourne immexxi mis-Soċjetà tagħna.



*Fra Denis Carabott mssp (l-ewwel mix-xellug)*



Sant'Agata, Rabat, Malta, Tel: 2145 4503 / Stella Maris, Żebbuġ, Gozo, Tel: 2155 1159

# Il-Mixja sad-Dar ta' *Sant' Agata*

*L-Imdina, il-Belt l-aktar qadima ta' Malta, ma tistax ma tkunx għażiża għall-qalb tas-Soċjetà tagħna. Għax l-Imdina hija doppjament il-benniena tas-Soċjetà. Għax barra li fiha twieled il-Fundatur, hemm kienet l-ewwel dar tagħna u meta kellhom jitilqu minn din id-dar reġgħu marru f'żewġt id-djar oħra fl-Imdina wkoll.*

### Dar Ċkejkna ta' San Pawl

L-ewwel dar tas-Soċjetà kienet dar fqira f'n. 5 Triq San Rokku, l-Imdina, u fil-qrib ħafna ta' fejn kien joqgħod il-Fundatur stess. Din kienet biċċa ċkejkna mid-dar fejn illum jinsabu s-sorijiet Doretej, li l-Fundatur kien kera mingħand Mons. Mifsud.

Kien il-Ħadd, 12 ta' Ġunju 1910, meta l-Arċisqof Pietru Pace bierek din id-dar. Fil-kelmtejn li għamel Mons. De Piro dakinhar fost l-oħrajn qal, "...*Din id-**Dar ckejkna ta' San Pawl** sejra sservi biex fiha jgħammru dawk li jkunu membri ta' Soċjetà Reliġjuża li għandha bħala għan li tifforma l-missjunarji...*". Minn dakinhar 'il-quddiem il-Fundatur mar joqgħod f'din id-dar u ħalla d-dar t'ommu fejn zgur li ma kien ikun jonqsu xejn u kien ikun imdawwar anki bil-qaddejja tal-familja.

Din kienet dar tassew fqira għax fi kliem il-Fundatur stess darba qal lil membri tal-bidu, " *Bi tmintax irbiegħi* (25 cents tal-lum) *armajna kċina*". Fi kliem ieħor ma kien hemm l-ebda lussu. Biss hu dejjem baqa' jirranġa fiha.

Imma din id-dar, qatt ma kienet għal qalb il-Fundatur. Infatti De Piro fl-10 ta' Marzu 1919 kiteb kellu, "*Il-post li qed noqogħdu fih sar ċkejken wisq... qed inħoss x'jimbuttana biex infittxu post adatt...*" imma fejn tridhom imorru, ma kellhomx ħliefha! Imma ma għaddiex wisq żmien, għax miet sid id-dar u allura l-bżonn ta' dar oħra kien urġenti.

### Palazzo Xara

Sa dan ittant lil De Piro offrewlu dar f'Ħaż-Żabbar u oħra f'Birkirkara minn fejn kienu telqu s-Salesjani. Biss il-Fundatutur, minn dak iż-żmien kien qed jitħabat biex jakkwista l-Knisja ta' Sant'Agata u l-inħawi ta' madwarha. Imma dan kien għadu ħafna l-bogħod. Allura instabet dar oħra fl-Imdina.

Aktar milli dar, din kienet biċċa minn Palazzo Xara, llum *Xara Palace Hotel*. Dan kien palazz ta' familja nobli ta' żmien qabel ma ġew il-Kavallieri ta' San Ġwann f'Malta. Wara, għal ħafna żmien għexet fih il-familja Xara, li minnhom ħa l-isem.

Imma l-ewwel membri tas-Soċjetà, xejn ma ħassewhom imkabbrin għall-fatt li daħlu jgħixu f'palazz ta' storja kbira. Huma ġew mogħtija biss biċċa ċkejkna minn dik id-dar kbira, u l-anqas ma kienet mill-aħjar parti li l-palazz sata' joffri. Id-daħla tagħhom kienet in-naħa ta' wara tal-monasteru tas-sorijiet benedittini triq San Pawl.

Din id-dar ukoll kien berikha l-Arċisqof ieħor, din id-darba l-Arċisqof Caruana. Imma jekk din id-dar ma tantx ħalliet memorji sbieħ lill-membri tas-Soċjetà, imma fiha żewġ kandidati rċivew it-tonsura. Dawn kienu, Mikiel Callus li aktar tard, kellu jkun l-ewwel membru tas-Soċjetà li jsir il-mexxej tas-Soċjetà stess u Ġużepp Spiteri, li kellu jkun l-ewwel saċerdot li miet fis-Soċjetà.

F'din id-dar ma kien hemm xejn mill-kumditajiet li wieħed jistenna. Hekk per eżempju, l-fundatur stess,il-kamra tiegħu kienet bi travu wieħed. Tista' taħseb x'kobor ta' kamra! Is-sodda tiegħu kienet waħda fqira b'żewġ serratizzi bi twavel u b'mitraħ fuqhom. Kif diġà għidna din id-dar biċċa żgħira minn Palazzo Xara ma offriet l-ebda



L-ewwel dar



It-tieni dar



l-Arċisqof Pietru Pace



l-Arċisqof Mauro Caruana

garanzija għal Mons. De Piro. Kienet ħaġa ċara li huma kellhom jibqgħu hemm sakemm jinstab post ieħor.

Fil-fatt fis-sena 1931, sid il-palazz ried il-post tas-Soċjetà lura għaliex kellu f'moħħu li jbiddel kollox f'lukanda. Allura kellhom jitilqu minn hemm. Imma l-anqas din id-darba, ma marrux bogħod wisq minn Triq San Pawl għax marru Strada dei Celsi numru 10.

### It-tielet dar fl-Imdina

Min hu midħla tal-Imdina, jaf li issa din it-triq bidlulha isimha u sar jisimha Mesquita. Jekk iż-żewġt idjar ta' qabel ma tantx kienu tajbin, din ma kienetx tgħamlilhom għajb għax kienet nieqsa saħansitra minn dak li ma setgħux jgħaddu mingħajru. Hawn l-ewwel membri damu tliet snin.

Biss kemm damu f'din id-dar, kien ordna saċerdot Dun Wistin Grech membru ieħor, li 'l quddiem kien importanti għas-Soċjetà. Dan kien Dun Wistin Grech li 'l quddiem kellu jkun il-pijunier kemm fl-Awstralja u kemm fil-Kanada.

Insibu ukoll fost l-oħrajn tlett studenti li f'dak iż-żmien kienu qegħdin jistudjaw f'din id-dar li 'l quddiem taw kontribut siewi lis-Soċjetà. Dawn kienu Dun Anton Camilleri, li barra li kien għamel żmien twil direttur tal-Oratorju ta' Birkirkara, kien wieħed minn dawk li fetħu il-missjoni tal-Peru'. Dun Alwig Gatt u Dun Ġorġ Xerri li barra li damu għal ħafna snin jaħdmu fl-Istitut ta' San Ġużepp Santa Venera, wara marru l-Awstralja bħala *Chaplains* tal-Maltin, fejn wkoll Dun Ġorġ safa maqtul.

Biss il-ġurnata tant mistennija waslet. Kien l-24 ta' Lulju 1933, meta huma ġarrew kollox biex telqu lejn Sant' Agata.

### Id-Dar Sant'Agata.

Mons. De Piro kien ilu li xeħet għajnejh fuq il-Knisja ta' Sant'Agata u kien qed jiprova jakwistaha biex tkun tas-Socjeta'. Wara ħafna laqgħat fil-Kurja irnexxilu jagħmel dan fl-24 ta' April 1932. Barra dan hu kien qed jaħdem ukoll biex ikollu f'idejh bicca art biżżejjed maġenb dik il-knisja ħalli jagħti bidu għal dar kbira li kien xtaq jibni. Hu kien beda jaħdem għal dan il-għan sa mis-sena 1918. Imma l-inkwiet u d-diffikultajiet ma naqsu qatt.

Kienet is-sena 1929 meta wara tant kunttrati u tpartit ta' xi art, Mons. De Piro deherlu li issa kellu f'idejh artijiet biżżejjed, u għalhekk sata' jibda jipprepara għall-permessi. Fil-fatt saret il-pjanta tal-bini u fit-8 ta'Lulju ntalbu l-permess.

Wara erbagħtax –il sena ta' taħbit, fi Frar ta' 1932, deher li t-tqegħid tal-ewwel ġebla għall-bini tad-dar ta' Sant'Agata kien fil-qrib. Allura hu beda jaħseb biex ikollu wkoll somma mhux ħażin ħalli jkun jista' jibda bla ma jieqaf. Għal dan il-għan beda reġistru li sejjaħlu "*Piccola Casa di San Paolo: Sant'Agata, Rabato: Fondo Fabbrica*". Il-benefattur waħdieni kien il-Monsinjur innifsu li ta s-somma ta' £400.

Beda jfittex wkoll il-propjetarji tal-barrieri fil-Qrendi u fl-Imqabba. Certu Ganni l-Bofni li kien ser jibda jħaffer għal barriera ġdida, wegħdu li jekk jinstab ġebel tajjeb jgħatih il-ġebel b'xejn. Kif ukoll Rajmond Ellul imlaqqam "tal-Imgħallem", u Ġużeppi Callus, imlaqqam "Ta Sardella" dawn kollha mill-Qrendi offrew il-ġebel b'xejn u kien hemm it-tama ta' xi oħrajn mill-Imqabba. Ix-xogħol kien fdat f'idejn Ġużeppi Sapiano. Li kien jitħallas £50 fix-xahar. L-ideja tal-pjanta kienet ta' Mons De Piro stess imma l-pjanta kienet tal-perit Ugo Mallia.



It-tielet dar



L-ewwel ġebla





St Agata illum

It-Tnejn, 3 ta' Ottubru,1932, kienet ġurnata ta' ferħ kbir għal Mons De Piro.

Ghax dakinhar l-Arċisqof Mauro Caruana kien ser ibierek u jpoġġi l-ewwel ġebla tad-dar ta' Sant Agata. Hawn ta' min jikkwota dak li l-Fundatur stess kiteb fl-aħħar Almanak fuq din l-okkazzjoni u xi siltiet mid-diskors li kien għamel dakinhar.Il-Fundatur kiteb hekk: "*It-3 ta' Ottubru... il-missjunarji inġabru lkoll fil-knisja ta' Sant'Agata, u tnejn tnejn ħarġu jistennew l-Isqof ħdejn is-salib ta' Strada Hal-Bajjada fejn wassluh sal-knisja. Hemm it-tfal tad-Dar San Ġużepp kantawlu l-innu Pontificju....*".Imbagħad fid-diskors tal-okkazzjoni, fost l-oħrajn qal : "*...Hu magħruf minn kulħadd li dawk l-opri li ma humiex tagħna, imma huma tal-Mulej, għandhom distintiv....huma jiżżejnu biż-żina tat-tfixkil. Din l-opra, tant kellha tfixkil, u kuntrarjetajiet li nqalgħu għal tul ta erbagħtax-il sena , b'mod li kull bniedem kien jaqta qalbu. Imma, billi kien Alla nnifsu li midd idu għall-opra, qatt ma naqset il-ħeġġa....*" "*….Is-sinjal tas-salib li l-Ecc. Tiegħek Reverendissima ,... sejjer tqiegħed illum fuq din l-**EWWEL ĠEBLA** jinżel ukoll bħala balzmu fuq il-membri kollha tal-Istitut Missjunarju tagħna, ikabbarhom fl-ispirtu tal-missier tagħhom Pawlu, ixebbhilhom qalbhom ma' tiegħu… jagħmel li jikbru fin-numru, sabiex huma wkoll, fil-ħidma kbira fil-missjonijiet, fl-opra ta' bla qies tad-dinja pagana ikollhom mill-aktar fis is-sehem tagħhom ukoll.*".

Wara dan il-diskors tant sabiħ u mimli fiduċja f'Alla, l-Arċisqof bierek u poġġa l-ewwel ġebla ta' din id-Dar ta' Sant' Agata.

Bħala parrini ġew magħżula l-Prim Ministru ta' Malta, Sir Ugo Mifsud u l-President tal-Qorti Sir Arturo Mercieca.

Il-ġebla kienet tal-qawwi u f'waħda min-naħiet għandha salib magħmul mill-ġebla tal-għar ta' San Pawl tar-Rabat.



## Mons Ġ. De Piro u l-qaddisa Sant'Agata

Wieħed mill-ewwel membri tas-Soċjetà xehed fil-Kawża ta' Kanonizzazzjoni tal-Fundatur u qal li De Piro darba qalilhom li kellu holma li fiha sab lilu nnifsu fuq vapur. F'salt wieħed dan il-vapur waqaflu l-iskrun u allura ma setgħax jimxi. De Piro nnifsu pprova jinżel u jirranġah imma f'hin minnhom tidher sinjura sabiħa u qaltlu biex iħalli f'idejha. Hi nizlet fejn l-iskrun, irranġatu u l-vapur reġa beda miexi bħal qabel. Il-Fundatur kien igħid lill-ewwel membri li l-vapur kien is-Soċjetà li fil-bidu tagħha ltaqgħet ma' bosta diffikultajiet. Il-mara tal-ħolma kienet Sant'Agata li tagħha De Piro kien devot ħafna u li flimkien ma' Marija Assunta u San Pawl, il-Fundatur fittixha ħafna biex tgħinu fit-twaqqif u t-tisħiħ tas-Soċjetà.